II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' April 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2001/781/KE li tadotta manwal ta' l-aġenziji li jirċievu u glossarju tad-dokumenti li jistgħu jiġu notifikati jew ikkomunikati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1259)

(2008/541/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali [1] u partikolarment il-punt (a) ta' l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li ġie kkonsultat il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000,

Billi:

(1) Sabiex ikun implimentat ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 kien meħtieġ li jkun imħejji u ppublikat manwal li jkun fih informazzjoni dwar l-aġenziji li jirċievu magħżulin skond l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament. Dak il-manwal jinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/781/KE tal-25 ta' Settembru 2001 li tadotta manwal ta' l-aġenziji li jirċievu u glossarju tad-dokumenti li jistgħu jiġu notifikati jew ikkomunikati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali [2].

(2) Wara modifika ta' l-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Franza skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, huwa neċessarju li jiġi emendat il-manwal.

(3) Id-Deċiżjoni 2001/781/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Il-manwal bl-informazzjoni dwar l-aġenziji li jirċievu fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2001/781/KE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

Jacques BARROT

Viċi President

---

[1] ĠU L 160, 30.6.2000, p. 37.

[2] ĠU L 298, 15.11.2001, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/500/KE (ĠU L 185, 17.7.2007, p. 24).

ANNESS

Fil-manwal li fih l-informazzjoni marbuta ma' l-aġenziji li jirċievu għandhom jiżdiedu s-sezzjonijiet li ġejjin wara s-sezzjoni dwar ir-Renju Unit:

"IR-REPUBBLIKA ĊEKA

I. Aġenziji li jirċievu: Il-Qrati Distrettwali

Id-dettalji dwar il-mod kif isir il-kuntatt jinsabu fil-manwal ta' aġenziji li jirċievu, aċċessibbli fuq il-websajt ta' l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili:

http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/

II. Mezzi ta' riċezzjoni disponibbli:

— permezz ta' entità li jkollha liċenzja postali,

— faks,

— email.

III. Il-formola tista' timtela biċ-Ċek, bis-Slovakk, bl-Ingliż jew bil-Ġermaniż.

ID-DANIMARKA

I. Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-aġenzija li tirċievi.

Justitsministeriet
Slotsholmsgade10
1216 København V
Tel. + 45 7226 8400
Faks: + 45 3393 3510
E-mail: jm@jm.dk

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-aġenzija li tirċievi għall-pajjiż kollu.

II. Id-dokumenti jistgħu jintbagħtu bil-posta, bil-faks jew bl-email, sakemm id-dokument li jasal jirriproduċi bis-sħiħ id-dokument ikkomunikat u d-dettalji kollha tad-dokument ikunu jistgħu jinqraw bla diffikultà.

III. Id-Danimarka taċċetta li l-formola annessa mar-Regolament tista' timtela bid-Daniż, bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

L-ESTONJA

I. Aġenziji li jirċievu: L-aġenzija li tibgħat u li tirċievi dokumenti ġudizzjarji hija l-Ministeru tal-Ġustizzja.

Justiitsministeerium
Tõnismägi 5a
15191 Tallinn
Eesti
Tel. (372) 6 208 183 u (372) 620 8186
Faks (372) 6 208 109
E-mail: central.authority@just.ee

II. Jistgħu jintużaw dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni:

— biex jiġu rċevuti u jiġu mibgħuta dokumenti: bil-posta, inklużi servizzi ta' twassil privati,

— għal komunikazzjoni oħra: bit-telefon u bl-email.

III. Barra mill-Estonu, wieħed jista' juża wkoll l-Ingliż.

ĊIPRU

I. Aġenziji li jirċievu: Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku

Υπουργείο Δικαιοσύνης και Δημοσίας Τάξεως (Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku)
Λεωφόρος Αθαλάσσας (Vjal Athalassas 125)
CY-1461 Λευκωσία [Lefkosia (Nikosija)]
Κύπρος (Ċipru)
Tel. (357) 22805928
Faks (357) 22518328
E-mail: registry@mjpo.gov.cy

II. Mezzi li bihom jiġu rċevuti d-dokumenti:

Posta, faks u email

III. Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard:

Il-Grieg u l-Ingliż

IL-LATVJA

I. Aġenziji li jirċievu:

Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Latvja
Blvd. Brivibas 36
LV-1536 Riga
Il-Latvja
Tel. (371) 67036716
Faks (371) 67210823
E-mail: tm.kanceleja@tm.gov.lv

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-aġenzija li tirċievi għall-pajjiż kollu.

II. Mezzi li bihom jiġu rċevuti d-dokumenti:

Id-dokumenti jistgħu jiġu rċevuti bil-posta, fil-feks jew bl-email.

Talba għall-kunsinna ta' dokumenti u ċ-ċertifikazzjoni tas-servizz tista' tiġi rċevuta bil-faks jew bl-email jekk tintbagħat ukoll bil-posta.

III. Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard:

Barra mil-Latvjan, il-Latvja taċċetta formoli standards mimlija bl-Ingliż.

IL-LITWANJA

I. Aġenziji li jirċievu: L-aġenziji li jirċievu huma l-qrati ta' prim istanza.

Id-dettalji dwar il-mod kif isir il-kuntatt jinsabu fil-manwal ta' aġenziji li jirċievu, aċċessibbli fuq il-websajt ta' l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili:

http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/

II. Mezzi li bihom jiġu rċevuti d-dokumenti:

Is-servizz ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji hija aċċettata permezz tal-posta u l-faks.

III. Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard (ara l-Artikolu 4)

Minbarra l-Litwan, il-Litwanja taċċetta forom ta' rikjesta standard li jkunu mtlew bil-Franċiż jew bl-Ingliż.

L-UNGERIJA

I. Aġenziji li jirċievu:

Skond l-Art. 2(3) għal perjodu ta' ħames snin il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa maħtur bħala l-aġenzija li tirċievi. It-talbiet kollha għandhom jintbagħtu lil: Ministry of Justice. Id-Dipartiment tal-Liġi Internazzjonali Privata.

Igazságügyi Minisztérium
Nemzetközi Magánjogi Osztály
1363 Budapest
Postafiók 54
Tel. +36 1 4413110
Faks +36 1 4413112
E-mail: nemzm@im.hu

II. Mezzi li bihom jiġu rċevuti d-dokumenti:

Posta, faks, e-mail

III. Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard (ara l-Artikolu 4)

L-Ungeriż, il-Ġermaniż, l-Ingliż, il-Franċiż.

MALTA

I. Aġenziji li jirċievu:

Aġenzija:

L-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali
Il-Palazz
Pjazza San Ġorġ
Valletta CMR02

Uffiċjali pubbliċi:

(1) Cynthia Scerri De Bono
L-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali
Il-Palazz
Pjazza San Ġorġ
Valletta CMR02
Tel. (356) 21 25 68 32 06
Faks (356) 21 23 72 81
Email: cynthia.scerri-debono@gov.mt

(2) Heidi Testa
L-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali
Il-Palazz
Pjazza San Ġorġ
Valletta CMR02
Tel. (356) 21 25 68 32 09, (356) 21 22 55 60
Faks (356) 21 23 72 81
Email: heidi.testa@gov.mt

II. Mezzi li bihom jiġu rċevuti d-dokumenti: Id-dokumenti oriġinali jridu jintbagħtu bil-posta. Id-dokumenti jistgħu jintbagħtu bil-faks/bl-email.

III. Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard: L-Ingliż

IL-POLONJA

I. L-aġenziji li jirċievu huma l-Qrati Distrettwali - *Sądy Rejonowe*

Id-dettalji dwar il-mod kif isir il-kuntatt jinsabu fil-manwal ta' aġenziji li jirċievu, aċċessibbli fuq il-websajt ta' l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili:
http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/

II. Id-dokumenti jistgħu jintbagħtu biss bil-posta

III. Il-formola tista' timtela bil-Pollakk, bl-Ingliż jew bil-Ġermaniż

IR-RUMANIJA

I. L-aġenzija Rumena li tirċievi talbiet għas-servizz ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjali minn Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea hija l-qorti fid-distrett fejn ikun residenti l-indirizzat jew fejn ikun lokalizzat l-istabbiliment professjonali.

Id-dettalji dwar il-mod kif isir il-kuntatt jinsabu fil-manwal ta' aġenziji li jirċievu, aċċessibbli fuq il-websajt ta' l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili:
http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/

II. Barra minn formoli mimlija bir-Rumen, ir-Rumanija taċċetta wkoll formoli ta' applikazzjoni standards mimlija bl-Ingliż u l-Franċiż.

IS-SLOVENJA

I. Aġenziji li jirċievu: Il-Qrati Distrettwali

Id-dettalji dwar il-mod kif isir il-kuntatt jinsabu fil-manwal ta' aġenziji li jirċievu, aċċessibbli fuq il-websajt ta' l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili:
http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/

II. Id-dokumenti jistgħu jintbagħtu biss bil-posta

III. Il-formola tista' timtela bis-Sloven jew bl-Ingliż

IS-SLOVAKKJA

I. L-aġenziji li jirċievu huma l-Qrati Distrettwali (*'Okresný súd'*) li għandhom ġuriżdizzjoni territorjali skond l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili.

Id-dettalji dwar il-mod kif isir il-kuntatt jinsabu fil-manwal ta' aġenziji li jirċievu, aċċessibbli fuq il-websajt ta' l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili:
http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/

II. Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard (ara l-Artikolu 4) Il-lingwa Slovakka."